A.L. 260 ta' l-2001

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Hlasijiet li għandhom jitħallsu għall-Eżamijiet tal-Matrikola u Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja ta' l-Università ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 41(2) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Hlasijiet li għandhom jitħallsu għall-Eżamijiet tal-Matrikola u Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja ta' l-Università ta' Malta, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar Hlasijiet li għandhom jitħallsu għall-Eżamijiet tal-Matrikola u Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja ta' l-Università ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 37 ta' l-1993.

(2) Dawn ir-regolamenti jibdew iseħħu fl-1 ta' Novembru, 2001.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tidħol din l-Iskeda ġdida li ġejja:-

"SKEDA

Hlas għar-Reġistrazzjoni	Lm5.00
Eżami tal-Matrikola Livell Avvanzat	Lm9.00 għal kull suġġett meħud.
Eżami Prattiku	Lm3.00 għal kull suġġett meħud.
Eżami Livell Intermedjarju	Lm8.00 għal kull suġġett meħud.
Eżami għal Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja	Lm6.00 għal kull suġġett meħud.
Hlas addizzjonali għal reġistrazzjoni tardiva	Lm20.00.".